MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 370/2007

**Tabone Enterprises Limited (C20072)**

**Vs**

**William Gauci ezercitanti l-kummerc bl-isem Stereo Vision**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hamsa u sittin Euro u disghin centezmu (€65.90) – tmienja u ghoxrin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm28.29c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija li giet mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess mill-attrici.

Illi din is-somma baqghet ma thallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas.

Bl-ispejjez inkluz ta’ l-ittra ufficjali 491/07 u bl-imghax dekoribbli mid-19 ta’ Novembru, 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ hamsa u sittin Euro u disghin centezmu (€65.90) – tmienja u ghoxrin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm28.29c) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------